**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-7 ta' Marzu 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale civile di Trapani – l-Italja) – Giuseppa Santoro vs Comune di Valderice, Presidenza del Consiglio dei Ministri**

**(Kawża C-494/16)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Xogħol għal żmien determinat — Kuntratti konklużi ma' persuna li timpjega li jaqgħu taħt is-settur pubbliku — Miżuri intiżi li jissanzjonaw l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat — Prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività)***

(2018/C 161/09)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale civile di Trapani

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Giuseppa Santoro

*Konvenuti:* Comune di Valderice, Presidenza del Consiglio dei Ministri

**Dispożittiv**

*Il-klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [għal żmien determinat], konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, minn naħa, ma tissanzjonax l-użu abbużiv, minn persuna li timpjega li taqa' taħt is-settur pubbliku, ta' sensiela ta' kuntratti għal żmien determinat bil-ħlas, lill-ħaddiem ikkonċernat, ta' allowance intiża li tikkumpensa l-assenza ta' bidla tar-relazzjoni tax-xogħol għal żmien determinat f'relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat, iżda li, min-naħa l-oħra, tipprevedi l-għoti ta' kumpens inkluż bejn 2,5 u 12-il ħlasijiet mensili tal-aħħar remunerazzjoni tal-imsemmi ħaddiem, flimkien mal-possibbiltà, għal dan tal-aħħar, li jikseb il-kumpens sħiħ tad-dannu billi juri, permezz ta' preżunzjoni, it-telf ta' opportunitajiet li jsib xogħol jew li, fil-każ li ġiet organizzata b'mod regolari kompetizzjoni ta' reklutaġġ, ikun għadda b'suċċess minn din il-kompetizzjoni, sa fejn tali leġiżlazzjoni tinkludi mekkaniżmu ta' sanzjoni effettiv u dissważiv, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.*

[1] ĠU C 454, 5.12.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-7 ta' Marzu 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nejvyšší soud České republiky – ir-Repubblika Ċeka) – E.ON Czech Holding AG vs Michael Dědouch, Petr Streitberg, Pavel Suda**

**(Kawża C-560/16)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KE) Nru 44/2001 — Ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali — Ġurisdizzjoni esklużiva — Il-punt 2 tal-Artikolu 22 — Validità tad-deċiżjonijiet tal-organi tal-kumpanniji jew tal-persuni ġuridiċi li għandhom is-sede tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru — Ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati ta' dan l-Istat Membru — Deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali ta' kumpannija li tordna t-trasferiment obbligatorju tat-titoli tal-azzjonisti minoritarji ta' din il-kumpannija lill-azzjonist maġġoritarju tagħha u li tistabbilixxi l-ammont tal-korrispettiv li għandu jitħallas lilhom minn dan tal-aħħar — Proċedura ġudizzjarja li għandha l-għan li tistħarreġ in-natura raġonevoli tal-korrispettiv)***

(2018/C 161/10)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší soud České republiky

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* E.ON Czech Holding AG

*Konvenuti:* Michael Dědouch, Petr Streitberg, Pavel Suda

*fil-preżenza ta':* Jihočeská plynárenská, a.s.

**Dispożittiv**

*Il-punt 2 tal-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġ interpretat fis-sens li rikors, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandu bħala suġġett l-istħarriġ tan-natura raġonevoli tal-korrispettiv li l-azzjonist prinċipali ta' kumpannija għandu jħallas lill-azzjonisti minoritarji ta' din fil-każ tat-trasferiment obbligatorju tal-azzjonijiet tagħhom lil dan l-azzjonist prinċipali, jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu hija stabbilita din il-kumpannija.*

([1]) ĠU C 22, 23.1.2017

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-6 ta' Marzu 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs FIH Holding A/S, FIH Erhvervsbank A/S**

**(Kawża C-579/16 P)** ([1])

***(Appell — Għajnuna mill-Istat — Kunċett ta' "għajnuna" — Kunċett ta' "vantaġġ ekonomiku" — Prinċipju ta' operatur privat f'ekonomija tas-suq — Kundizzjonijiet għall-applikabbiltà u għall-applikazzjoni — Kriżi finanzjarja — Interventi suċċessivi ta' salvataġġ ta' bank — Teħid inkunsiderazzjoni jew le, matul l-evalwazzjoni tat-tieni intervent, tar-riskji li jirriżultaw mill-impenji meħuda mill-Istat Membru matul l-ewwel intervent)***

(2018/C 161/11)

*Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouchagiar, L. Flynn u K. Blanck-Putz, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedura:* FIH Holding A/S, FIH Erhvervsbank A/S (rappreżentant: O. Koktvedgaard, avukat)

**Dispożittiv**

1) *Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Settembru 2016, FIH Holdings u FIH Erhvervsbank vs Il-Kummissjoni (T-386/14, EU:T:2016:474), hija annullata.*

2) *L-ewwel motiv tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea huwa miċħud.*

3) *Il-kawża qed tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex tiddeċiedi fuq it-tieni motiv.*

4) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

([1]) ĠU C 14, 16.1.2017